**Inti mara ta' fidi**

Grazzi tal-eżempju tiegħek
Li ħallejt għalina lkoll,
Hu eżempju ta' tjubija
Li lill-eħrex qalb iħoll.

Grazzi li għallimtna naħfru
Dan hu kmandament hekk kbir,
Iressaq lill-bniedem m'Alla
Miegħu t'ibnu jgħix u jsir.

Grazzi wkoll ta' kemm kont titlob
X'virtù din għan-Nisrani,
Għaliex tgħaqqdu ħaġa waħda
Ma' Kristu l-wisq setgħani.

Grazzi tal-preżenza siekta
L'hi frott ta' qalb is-smiegħ,
X'barka hi tassew mis-Sema
Għax lill-miġrugħ kemm tifdih.

Grazzi tat-tama qawwija
Li wrejt dejjem fil-Mulej,
Kienet din il-bastjun tiegħek
Ġibt il-qtiegħ il-qalb fix-xej'.

Grazzi tal-imħabba soda
Li qsamt ma' ta' madwarek,
Dal-wirt li ħallejt imbierek
Ħadt ħsieb tassew lill-għajrek.

Grazzi tal-fiduċja kbira
Biha affaċċjajt l-isfidi,
Fil-Mulej l'għalik kien kollox
Inti mara ta' fidi.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.